**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 7 – IT-TNEJN, 30 TA' SETTEMBRU 2019 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier (6.50pm) |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Violet Bajada | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 6**

1.1 Dwar paragrafu 5.2 għandha tidħol "Is-Sur Joe Aquilina ppropona li jsir stand tal-kunsill għal użu ta' attitivitajiet u promozzjoni. Kien hemm qbil unanimu".

1.2 Dwar paragrafu 6.1 għandha tidħol l-istess persuna kienet tkellmet mas-Sur Joe Aquilina. Kien hemm qbil li kull persuna li joffri servizz lill-Kunsill għandha tkun ikkwalifikata.

1.3 Dwar paragrafu 6.3, għandha tidħol "is-Sur Joe Aquilina ssuġġerixxa li ssir policy għal fejn isiru zebra crossings. Għandha tintalab gwida minn TM dwar din il-policy.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-5.50pm.

1.4 Dwar paragrafu 6.3 ukoll għandha tidħol hemm lok li jiżdied il-parkeġġ uffiċjali.

1.5 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 6**

2.1 Ma kienx hemm punti mtella

**3 Pagamenti Numru 6**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar suġġeriment mis-Sindku biex isiru bankijiet, bike stand u bins f'passaġġ fi Ġnien George Zarb u dan il-passaġġ jingħalaq għat-traffiku bil-bollards. Dan kif spjega s-Sindku biex ikun ġnien tassew. Is-Sur Dominic Cassar ma qabilx ma' din il-proposta minħabba li minħabba f'hekk ser jitnaqqas l-aċċess bil-karozza kif ukoll l-bankijiet ma jaqblux magħhom ir-residenti minħabba li jkun hemm aktar nies u storbju.

Fis-6.50pm kien hemm recess ta' 5 minuti.

4.1.1 6.55pm wara recess ta' ħames minuti l-Kunsill kompla jiddiskuti dan is-suġġeriment fejn ġew diskussi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi. Is-Sur Trevor Fenech ippropona li l-passaġġ li hemm fi Ġnien George Zarb jingħalaq u jsir parti mill-ġnien. F'din il-parti jitwaħħlu bankijiet, litter bins u bike stands kif ukoll jiżdied id-dawl. Is-Sinj. Tania Borg issekondat. Kien hemm 4 favur (Trevor Fenech, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, u Tania Borg) u 4 kontra (Dominic Cassar, Etienne Bonello Du Puis, Joe Aquilina, u David Dalli). Minħabba li kien hemm 4 favur u 4 kontra, is-Sindku għamel il-casting vote favur dan il-proġett.

**5 Korrispondenza**

5.1 Wara talba minn San Ġwann FC, kien hemm qbil unanimu li jipprovdu bandiera ta' San Ġwann. Is-Sindku għandu jitlob lill-Ministeru tal-Affarjiet Barranin għal--bandiera ta' Malta u dik tal-EU.

5.2 Kien hemm qbil unanimu li jsir parkeġġ għal persuni bi bżonnijiet speċjali barra l-gate tal-iskola. Dan għandu jsir għall-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal.

5.3 Kien hemm qbil unanimu għat-talba ta' Wasteserv biex jagħmlu promotional stand darba fil-ġimgħa għal 4 ġimgħat fi Vjal ir-Riħan.

5.4 Kien hemm qbil unanimu għal talba tal-FSWS biex jużaw il-boardroom tal-Kunsill biex jitqassmu ikel tal-EU fil-31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2019.

5.5 Kien hemm qbil li jiġu mbiddla numru ta' lanterni li ġew identifikati mill-kuntrattur tal-Kunsill bħala difettużi.

5.6 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-istima tad-Dstreet lighting għat-tiżjin tal-Milied.

**6 Affarjiet ohra**

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex isiru uniformijiet għal helpers tad-day centre tal-anzjani. Kien hemm qbil unanimu għal din kif ukoll biex isiru aktar flokkijiet għall-użu ġenerali.

6.2 Is-Sur Joe Aquilina staqsa dwar il-pozizzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp li hemm propost fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku sostna li l-Kunsill diġà ħa l-pozizzjoni li ma oġġezzjonax.

6.2.1 Tkellem ukoll dwar is-sistema li tintuża għal tiswija ta' potholes. Il-Kunsill ġie nfurmat li mhux biss tintuża compactor, imma l-patching isir ukoll bil-qatran.

Il-Kunsill ġie mfakkar li ma jiġux kkunsidrati talbiet għal allegat ħsarat minn pothole. Il-Kunsill ikompli jsewwi ħsarat fit-toroq kull fejn ikun hemm il-bżonn.

6.3 Is-Sur David Dalli lmenta li għad hemm bżonn xi markings quddiem il-BOV, kif ukoll double yellow lines fi Triq San Ġużepp. Hemm bżonn li jitnaddaf xi postijiet mit-trab. Hu staqsa dwar in-notice boards. Kien hemm qbil li għalissa dawn jibqgħu.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar ilmenta li għad iridu jsiru l-information noticeboards ma' kull kappella. Hu talab ukoll biex isir San Ġwann u l-Irxoxt bid-dawl għal Ġimgħa l-Kbira. Kien hemm qbil fuq dawn.

6.5 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis staqsa dwar in-numru ta' siġar li tħabbar li ser jiġu mħawwla madwar San Ġwann. Hu talab biex issir mistoqsija uffiċjali mill-Kunsill lill-Ministru tal-Ambjent dwar l-istatus ta' Public Domain għal Wied Għomor. Is-Sindku għandu jiddiskuti dan mal-Ministru.

6.6 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex jitwaħħlu żewġ tabelli fi Triq R Caruana Dingli biex isir parkeġġ bis-silencers il-barra minħabba l-exhaust. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |